**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eliott Magro)**

**vs**

**Etienne Pace**

**Kumpilazzjoni numru 518/2017**

**Illum 16 ta' Ottubru 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Etienne Pace** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0305483 (M) billi huwa akkuzat talli bejn nhar it-28 ta' Settembru 2017 u s-16 ta' Ottubru 2017 gewwa l-binja 'Balmoral Downs' sitwata fi Triq il-Brunzar, Santa Venera:

1. Ikkommetta serq (ram) bil-valur ta' madwar elfejn ewro (€2000) ghad-dannu ta' Jurgen Debattista, Evano Briffa u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwaa ikkwalifikat bil-valur, liema valur jeccedi s-somma ta mitejn , tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn , tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) kif ukoll bil-lok u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261 (c) (e), 267, 269,279(a) u 280(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Jurgen Debattista, Evano Briffa u/jew ta' persuna jew persuni ohra liema hsara tiskorri l-ammont ta' elfejn u hames mitt ewro, (€2500) u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1) (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta , liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Ikkunsidrat:

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Livell ta' prova</u>**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-

konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkustanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

KONSIDERAZZJONIJIET FUQ L-AKKUZI

**<u>Is-serq</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad:

*"L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé: "La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro". (ara Il-Pulizija vs. Carmelo Felice, 10/1/42, Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali).*

Din id-definizzjoni hi suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-Codice Rocco:

*"Obiettivamente, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".*

Issa huwa pacifiku, kif anke gie accettat mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenzi taghha, li l-lukru mehtieg ghad-delitt ta' serq jista' jikkonsisti anki fi kwalunkwe tgawdija, pjacir jew sodisfazzjon li l-halliel jipprokura lilu nnifsu bil-haga misruqa (b'referenza ghas-sentenza talQorti

Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija v. James Chetcuti**, 3 ta' April 1943 – Kollez. XXXI.iv.500).

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Pawlu Scicluna et** (9 ta' Dicembru 1944 – Kollez. XXXII.iv.814) intqal hekk fir-rigward ta' l-*animus furandi* rikjest fir-reat tas-serq:

> *'Bil-kelma lucro wiehed ma ghandux jifhem biss lokupletazzjoni venali, jew borswali, imma kwalunkwe vantagg, kwalunkwe sodisfazzjon, kwalunkwe utili, pjacir, beneficcju, jew kommodu, li lhati jkollu fi hsiebu li jipprokura' (p.820).*

L-istess fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Carmelo Felice** (10 ta' Jannar 1942 – Kollez. XXXI.iv.458) intqal:

> *'Fuq id-dolo specifiku ghar-reat tas-serq, jigifieri l-iskop tal-lukru, skond id-dottrina huwa bizzejjed li dak il-lukru jkun potenzjali jew possibbli; u l-Impallomeni (Commento al Codice Penale Italiano, Vol. IV, p.14, no. 1843) jghid li 'per lucro e profitto del furto si intende non soltanto il lucro personale che puo` ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso, onde anche chi rubi per denaro o chi sottragga per mero diletto artistico un'opera d'arte, anche lasciando al proprietario il prezzo od altro oggetto di pregio equivalente o superiore, e` responsabile' (p. 460)."*

Fit-teorija accettata dwar il-kwistjoni tal-valur tas-serq, anki ammont zghir hafna huwa bizzejjed. Jirreferi ghall-gurista Carrara li jghid li *"purche` un qualche valore ci sia, per quanto minimo, e` sempre furto"*.

Il-principju generali f'kaz ta' allegat serq huwa li sakemm mic-cirkostanzi jirrizulta manifestament li l-oggett inkwistjoni ma hux *res nullius* u lanqas *res derelicta*, hemm id-delitt ta' serq.

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Carmel Camilleri et** (Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-13 ta' Mejju 2009) inghad:

> *"Dwar dan il-punt il-Professur Mamo jaghmel din l-osservazzjoni:*
>
> *The thing, the subject matter of the theft must be a res aliena, that is a thing which belongs to some other possessor at the time of the taking. .... It is sufficient for the crime of theft that the person taking it away had no right thereto. .... The rule that the thing must be in possession of others implies that there cannot be a theft of a res nullius or of a res derelicta. ... An article that has an owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft.*
>
> *'But an article that has no owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft. Thus wrecks which have been abandoned without any intention of salvage or recovery are incapable of being stolen. A sound rule seems to be that laid down by an English Court in 'Rex versus White' to the*

*following effect: ' If there is any ground for supposing that the accused may have believed the articles found to have been abandoned by its owner, the jury must be carefully directed with regard to the matter, since, if the jury find that belief as a fact, the accused is not guilty.'*

*Min-naha l-ohra f'edizzjoni aktar ricenti tal-Archbold minn dik li minnha kien qed ikkwota l-Professur Mamo hemm dan li gej: In 'Williams versus Phillips', dustmen employed by a corporation were convicted by justices of stealing goods from dustbins collected in the course of their duties. It was held that refuse put in a bin was not abandoned; it was the householder's property until it was taken away, when it became the corporation's property.'*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs George Ebejer** (18 ta' Novembru 2001) intqal:

*"Hu principju minn zmien adottat fil-gurisprudenza maltija, illi min japproprija ruhu minn oggett li jkun sab f'cirkustanzi tali li juru li dak loggetti ghandu sidu u ma giex abbandunat, li ma hux, cjoe' la "res nullius" u lanqas "res derelicta", jikkommetti serq ta' dak l-oggett.*

*Dan ir-reat ma jikkostitwix il-kontravenzjoni ta' min isib hwejjeg li jkunu naqsu lil xi persuna, jew li din tkun tilfet u ma jgharrafx bihom fi zmien tliet ijiem lill-Pulizija Ezekuttiva; imma hu reat ta' serq.*

*Imma ghall-integrazzjoni ta' dan ir-reat mhux bizzejjed l-element tan-nuqqas tal-konsenja tal-haga misjuba lill-Pulizija fiz-zmien preskritt*

*mill-ligi, "stealing by finding" imma jehtieg ukoll li mic-cirkustanzi tirrizulta lintenzjoni tal-approprijazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs John Zammit et** (Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-28 ta' Lulju 2004) gie ritenut:

*"Minn naha tal-imputati pero' id-Difiza tghid li ma hemmx l-elementi kostituttivi ta' dan d-delitt ta' serq, ghaliex huma ma kienux serqu dawk loggetti ta' sid injot, izda kienu biss sabuhom wara li gew abbandunati u ma gewx mitluba jew rikjamati minn xi hadd. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ndikata millProsekuzzjoni u cioe Il-Pulizija v Patrick Xuereb u John Mary Galea moghtija nhar l-hdax ta' Lulju 1995 kif wkoll ghal sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghxorin ta' Settembru 1996 flismijiet Il-Pulizija v Alfred Camilleri fejn gie ritenut li:*

*"Hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna li minn isib oggett f'post pubbliku f'cirkostanzi li wiehed jista jifhem li ma kienux mitlufa, abbandunati jew li ma kienu ta' hadd u jippriva ruhu minnhom, dak li jkun, qed jikkommetti serq."*

Il-Professur Mamo fil-Criminal Notes, jghid:

*"Though there may be a theft only where a thing at the time of being stolen, belonged to some other person, yet it is not necessary that this person should be a full owner, he me be a person having possession or*

*control of the thing. It is not necessary that the owner be known or discoverable… it is sufficient for the crime that the person taking the object away, had not right thereto. In fact it is not necessary that the person taking the object away had no right thereto. In fact it is not necessary that the person from whom the thing is taken, shall have been the owner thereof in the full sense of civil law."*

*Mill-banda l-ohra jigi rilevat illi skont gurisprudenza lokali jekk persuna genwinament temmen li l-oggett li qed tiehu pussess tieghu kien gie abbandunat minn sidu, jew li hu res nullius, allura, jigi nieqes l-element formali tar-reat ta' serq.*[2]

**…**

*"Any honest mistake will negative this ingredient [that the contrectatio must be fraudulent] as where the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own."*

Sabiex qorti tasal ghal konkluzzjoni li tali zball kien wiehed genwin, trid tkun wkoll sodisfatta li dak l-izball kien wiehed ragjonevoli fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Fis-sentenza Il-**Pulizija vs Danrof Vella** (Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-18 ta' Mejju 2015) il-Qorti kkwotat lil gurista Antolisei:

*"….il-gurista Antolisei jghallem li:*

[2] Ara Il-**Pulizija v Dennis Sghendo et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar ssitta ta' Jannar 2000

*Le cose che erano gia` di proprjeta di taluno divengono nullius quando siano abbandonate (res derelictae) e cioe' quando il proprietario se ne spoglia con l'intenzione di rinunciare al proprio dominio. Tali sono ad ezempio le cose gettate nella pattumeria e percio` chi se ne appropria non commette furto. Con le cose abbandonate non vanno confuse le cose smarrite.*

*Ghalhekk biex jissussisti reat ta' serq irid jigi pruvat l-element formali. Jekk persuna genwinament temmen li l-oggett li qed tiehu pussess tieghu kien gie abbandunat minn sidu, jew li hu res nullius, allura, jigi nieqes l-element formali tar-reat ta' serq.*

Fi kliem il-Professur Mamo

*... the taking must be with the consciousness of abstracting or taking the property of others. Any honest mistake will negative this ingredient, as when the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own. It would appear that any such mistake excludes theft even if it is incurred into through negligence. As Carrara says non puo concepirsi la figura giuridica di un furto colposo. ... The best evidence that there was no fraudulent intent is that the goods were taken quite openly. A surreptous taking, or a subsequent denial of the taking or a concealment of the goods suggests a fraudulent intent."*

**Serq ikkwalifikat bil-valur**

Dwar l-aggravju tal-valur il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 267 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

> *"Is-serq huwa kkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin ċentezmu (232.94)".*

Illi fil-kaz taht ezami l-Prosekuzzjoni gabet stima tal-valur tal-oggetti misruqa li jiswew aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin ċenteżmu (232.94).

**Hsara volontarja**

L-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 jipprovdi li:

> *(1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew jgħarraq ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati -*
>
> *(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin c entez mu (1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin centezmu (116.47), il-piena ta' prigunerija minn ħames xhur sa sena;*

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li ghamel hsara volontarja biex qata' l-pipijiet tar-ram tal-*parte civile*, liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin c entez mu (1,164.69).

Il-Qorti qieset li:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[3]

Il-*Prosekuzzjoni* gabet il-prova li turi li saret il-hsara biex sar is-serq.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Il- **Pulizija –vs- Joseph Zahra** App Krim 24.2.2003 fejn intqal li:

> *"din ma tammontax ghall-ahjar prova ghaliex hija biss opinjoni ex parte u mhux ta' perit nominat mill-qorti. Naturalment kull kaz ghandu dejjem ikun deciz fuq il-fatti in ispeci tieghu u meta jitqies illi l-kwerelant esebixxa biss stima li anqas biss tiddiskrivi t- tiswija li ghandha ssir u minghjar ma ressaq lil min ghamilha sabiex jikkonferma d-dokument, allura din il-Qorti ma tistax ma tqisx l-istess bhala opinjoni ex parte."*

[3] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Illi m'hemmx dubju ghalhekk li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.* ***Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali.*** *Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[4] Enfasi ta' din il-Qorti

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

---

[4] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[5] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti*

[5] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

**Ghaliex tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza?**

Huwa rilevanti li hawn issir referenza ghal xi brani mis-sentenza **Il-Pulizija v. Maurice Agius** moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 mill-Prim Imhallef Vincent Degaetano:

> **"7. Din il-Qorti hi konxja li spiss is-sentenza ta' prigunerija sospiza tigi kkritikata. Gie li tigi malament applikata anke mill-qrati, partikolarment qrati ta' prim istanza, u huwa proprju ghalhekk li l-Avukat Generali ghandu d-dritt ta' appell anke mill-piena (salv certi limitazzjonijiet). F'dan il-kaz l-appellant Avukat Generali mhux qed ighid li l-piena ta' prigunerija sospiza ma setghetx tigi applikata (ghax, per ezempju, il-minimu applikabbli kien jeccedi s-sentejn prigunerija indikat fl-Artikolu 28A(1) tal-Kap. 9, jew ghax kien hemm xi ostakolu iehor, bhal, per ezempju, dawk indikati fil-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7) tal-imsemmi Artikolu 28A), izda qed jghid li ma kellhiex tigi applikata tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Fi**

**kliem iehor, qed jghid li l-piena, bis-sospensjoni b'kollox, kienet fil-parametri tal-ligi, izda li f'dan il-kaz ma kellux ikun hemm tali sospensjoni.**

**"8. Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Anthony Wood* din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement[6], kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali[7]. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A[8], li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-**

---

[6] Id-disposizzjonijiet taghna dwar is-sentenza ta' prigunerija sospiza huma mudellati fuq il-ligi Ingliza, ligi, li ghandu jinghad, illum tbiddlet hafna mill-mudell li fuqu bbaza ruhu l-legislatur Malti.

[7] Il-Pulizija v. Joseph Said App. Krim. 26/11/1992.

[8] 28A(2): "Qorti ma ghandhiex titratta ma' hati permezz ta' sentenza sospiza hlief jekk il-qorti jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ta' xi setgha li tissospendi dik is-sentenza…" (sottolinear ta' din il-Qorti).

**piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza[9] u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati). Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing[10]** ***"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in***

[9] Ara wkoll **R. v. O'Keefe** (1969) 2 QB 29; [1969] 1 All ER 426.

[10] Cambridge Studies in Criminology, Heinemann (London) 1979, pp. 244-245.

*calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered."* **Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux necessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).**

**"9. Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-**

**pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra."**

**Decide:**

Wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (c) (e), 267, 269,279(a), 280(1) u 325 (1) (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil Etienne Pace erbatax (14) –il xahar sospizi ghal zmien sentejn (2) millum, kif ukoll tapplika l-artikolu 28 H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lil hati jhallas lil Evano Briffa s-somma ta' €800 u lil Jurgen Debattista s-somma ta' €1200 fi zmien sitt (6) xhur millum.

Din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

__________________________

**Magistrat**
**Dr. Joseph Mifsud LL.D**